MALTA

# QORTI TAL-APPELL
**(Kompetenza Inferjuri)**

## ONOR. IMĦALLEF
## LAWRENCE MINTOFF

Seduta tal-4 ta' Novembru, 2020

Appell Inferjuri Numru 20/2019 LM

**Graziella Ferrito (K.I. 99171M)**
*(l-appellata)*

***vs.***

**Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali**
*(l-appellant)*

**Il-Qorti,**

## Preliminari

1. Dan huwa appell magħmul mill-appellant **id-Direttur Ġenerali tas-Sigurtà Soċjali** [minn issa 'l quddiem "id-Direttur Ġenerali appellant"] mid-deċiżjoni tal-15 ta' Ottubru, 2019, numru 643/13 [minn issa 'l quddiem "id-deċiżjoni appellata"] mogħtija mill-Arbitru tas-Sigurtà Soċjali [minn issa 'l quddiem "l-Arbitru"], li permezz tagħha ddeċieda għar-raġunijiet hemm

imfissra li jilqa' l-appell ta' **Graziella Ferrito** [minn issa 'l quddiem "l-appellat"] kontra d-deċiżjoni tad-Direttur Ġenerali appellant ta' nhar l-14 ta' Ġunju, 2013.

**Ammissjoni**

3. Waqt is-seduta tat-2 ta' Settembru, 2020 xehdet l-appellata **Graziella Ferrito**[1], fejn ddikjarat illi hija mhijiex qed tikkontesta l-pretensjonijiet tad-Direttur Ġenerali appellant fil-konfront tagħha u ammettiet u obbligat ruħha li tirrifondi l-ammont pretiż, tant hu hekk li dan qiegħed jitħallas minnha lura lid-Direttur Ġenerali appellant permezz ta' pagamenti ta' kull xahar.

**Decide**

**In vista ta' din l-ammissjoni tal-appellata, tiddeċiedi dwar l-appell tad-Direttur Ġenerali appellant billi tilqgħu, filwaqt li tħassar u tirrevoka d-deċiżjoni appellata u tikkonferma d-deċiżjoni tal-istess Direttur Ġenerali appellant tal-14 ta' Ġunju, 2013.**

**L-ispejjeż marbuta mal-proċeduri quddiem l-Arbitru, kif ukoll dawk ta' din l-istanza, għandhom jitħallsu mill-appellata.**

Moqrija.

**Onor. Dr Lawrence Mintoff LL.D.**
**Imħallef**

**Rosemarie Calleja**
**Deputat Reġistratur**

[1] *A fol.* 38 u 39 tal-proċess.